MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 473/2010

**Victor Pace (ID67060M), Emanuel Borg (ID319544M) u Anthony Borg (ID75739M) fil-kwalita' rispettiva taghhom ta' President, Segretarju u Tezorier ta' Ta' Xbiex Aquatic Sport Club ghan-nom u fl-interess tal-istess, u b'digriet tas-26 ta' Ottubru 2010 Joseph Zammit (ID773750M) u Chris D'Ugo (ID212776M) assumew l-atti tal-kawza fil-vesti taghhom rispettivi ta' tezorier u segretarju tal-klabb attrici minflok Emanuel Borg u Anthony Borg li m'ghadhomx jokkupaw din il-kariga.**

***kontra***

**Dr. Noel Bartolo u Prokuratur Legali Veronica Rossignaud li b'digriet tal-5 ta' Marzu 2010 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil John Bonnici li huwa assenti minn Malta u jghix fl-esteru f'indirizz mhux maghruf.**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-10 ta` Mejju 2010 li jaqra hekk –

*Illi huma jikru lill-intimat il-fond sitwat f'Ta' Xbiex Aquatic Sports Club liema kirja hija soggetta ghall-kondizzjonijiet stipulati fl-iskritturi privati tal-4 ta' Marzu 1996 u 3 ta' Gunju 2005 hawn annessi u mmarkati bhala Dokument A u B ;*

*Illi l-intimat huwa moruz fil-pagament tal-arretrati tal-kera dovuta bil-quddiem fl-ammont ta' €10,482 kif ukoll fil-pagament tal-hlas tal-isponsor, kif patwit fl-imsemmija skritturi, fl-ammont ta' €2,795 li komplessivament jammontaw ghal €13,277 ;*

*Illi l-intimat gie nterpellat sabiex ihallas tali ammont permezz ta' ittra ufficjali tas-27 ta' Ottubru 2009 izda baqa' inadempjenti.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi nomine s-somma ta' €13,277.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-interessi mis-27 ta' Ottubru 2009 kif ukoll dawk ta' mandat ta' qbid li qed jigi pprezentat kontestwalment liema konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku tad-dokumenti esebiti minnhom.

Rat ir-risposta mahlufa tal-Kuraturi Deputati prezentata fit-22 ta’ Gunju 2010 li taqra hekk –

*1. Illi f’dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimat minnhom rapprezentat u f’dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdulhom kull informazzjoni li jista’ ghandhom dwar kull mezz ta’ komunikazzjoni mal-intimat inkluz indirizz u/jew numri tat-telefon u/jew indirizz ta’ “e-mail” tal-intimat li jista’ jwassal lill-esponenti sabiex jirrintraccjaw u/jew jikkomunikaw mal-istess intimat in konnessjoni mal-kawza sudetta;*

*2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju l-esponenti jirrilevaw illi r-rikorrenti jridu fi kwalunkwe kaz jipprovaw in-ness legali mal-intimat peress li l-kirja in kwistjoni tghajjat lil Michael Bonnici mhux lill-intimat u ghalkemm fl-ittra ufficjali tas-27 ta’ Ottubru 2009 ir-rikorrenti jghidu li l-kirja giet sullokata lill-intimat, m’hemm assolutament ebda prova ta’ dan.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-Kuraturi Deputati.

Rat ix-xhieda bl-affidavit ta` Anthony Borg (fol 20-21) u ta` Emanuel Borg (fol 22-23).

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mill-partijiet.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta` Novembru 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat :**

Irrizulta li fl-4 ta' Marzu 1996, Ta' Xbiex Aquatic Sports Club ("il-klabb attur") kera l-bar u r-ristorant sitwat fil-klabb lil Michael u Frances konjugi Bonnici (Dok A). Inqalghu l-problemi u fit-3 ta' Gunju 2005 sar ftehim iehor mal-istess konjugi Bonnici (Dok.B). Bil-permess tal-klabb attur, il-konjugi Bonnici assenjaw il-kirja lil John Bonnici li jigi hu Michael Bonnici, li llum huwa assenti minn dawn il-Gzejjer, u huwa rapprezentat f`din il-kawza mill-konvenuti kuraturi deputati. Ftit kien ghadda zmien minn meta John Bonnici kera l-bar u r-ristorant li nqala` l-inkwiet mal-klabb attur ghaliex ma kienx regolari fil-hlas tal-kera u fl-istess waqt baqa` wkoll inadempjenti f`obbligi ohra naxxenti mill-kuntratt tal-kirja. Il-pendenza tal-klabb attur kontra John Bonnici hija ta` €13,277 in kwantu ghal €10,482 bhala arretrati ta` kera u in kwantu ghal €2,795 bhala pagament ta' *sponsorship* skond il-ftehim ta` lokazzjoni. Minn dan l-ammont baqa` ma hallas xejn.

**Ikkunsidrat :**

It-tieni eccezzjoni tal-konvenuti kuraturi deputati hija nsostenibbli. Huwa minnu li ma kienx prodott id-dokument li bis-sahha tieghu l-kirja kienet assenjata mill-konjugi Bonnici lil John Bonnici. Fl-istess waqt ma hemmx prova li l-klabb attur kien partecipi fl-att jew kitba li bis-sahha tieghu saret l-assenjazzjoni tal-kirja. Il-konjugi Bonnici kellhom jedd jassenjaw il-kirja minghajr il-htiega tal-involviment ulterjuri tal-klabb attur oltre dak patwit permezz tad-dokumenti A u B. Din il-Qorti tghid ukoll li ma hemmx l-ebda prova kontradittorja ghal dak pretiz mill-klabb attur u cioe` li wara l-assenjazzjoni tal-kirja, il-klabb attur beda jaghraf lil John Bonnici bhala l-inkwilin tieghu bid-drittijiet u obbligi li dak l-gharfien kien jimporta.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet, tilqa` t-talba attrici u tikkundanna lil John Bonnici, rapprezentat mill-konvenuti kuraturi deputati in vista tal-assenza tieghu minn dawn il-Gzejjer, sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' tlettax-il elf mitejn sebgha u sebghin Ewro (€13,277). Tikkundanna lill-istess John Bonnici sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, dawk tal-mandat ta` qbid tal-10 ta' Mejju 2010 u l-imghax legali b`effett mis-27 ta` Ottubru 2009.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------